2024/458

7.2.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/458

tal-1 ta' Frar 2024

dwar l-istabbiliment tal-Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea għall-Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi (ALT-EDIC)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea ("EDICs").

(2) Fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovenja talbu lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura Diġitali għall-Alleanza għat-Teknoloġiji Lingwistiċi (ALT-EDIC). Il-Greċja ngħaqdet ma' din it-talba fis-16 ta' Jannar 2024.

(3) Bħala Stat Membru ospitanti, Franza pprovdiet dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(1), il-punt (d) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 li tirrikonoxxi l-ALT-EDIC bħala korp internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 143(1), il-punt (g) u l-Artikolu 151(1), il-punt (b) tad-Direttiva 2006/112/KE u bħala organizzazzjoni internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1), il-punt (b) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 ([2]), mid-data li fiha jiġi stabbilit l-EDIC.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjoni skont l-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 u kkonkludiet li din kienet tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 13 sa 21 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481.

(5) Skont l-Artikolu 13(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481, il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 23(1) ta' dik id-Deċiżjoni ġie kkonsultat dwar l-istabbiliment tal-ALT-EDIC u ta opinjoni favorevoli.

(6) L-ALT-EDIC għandu l-għan li jiżviluppa infrastruttura Ewropea komuni fit-teknoloġiji tal-lingwa biex iżid il-kapaċità tal-Ewropa, jagħti spinta lill-kompetittività u jsostni d-diversità lingwistika u r-rikkezza kulturali tal-Ewropa.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Deċennju Diġitali stabbilit bl-Artikolu 23(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea għall-Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi (ALT-EDIC) huwa b'dan stabbilit.

2. L-ALT-EDIC għandu jkollu personalità ġuridika u għandu jgawdi, f'kull wieħed mill-Istati Membri, mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lill-entitajiet ġuridiċi skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. B'mod partikolari, dan jista' jikseb, jippossjedi jew jiddisponi minn proprjetà mobbli, immobbli u intellettwali, jikkonkludi kuntratti u jkun parti fi proċedimenti ġudizzjarji.

3. L-elementi essenzjali tal-Istatuti tal-ALT-EDIC, kif miftehma bejn il-membri tiegħu, huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2481/oj.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

ELEMENTI ESSENZJALI GĦALL-ISTATUTI TAL-ALT-EDIC

1) **Li jikkorrispondu għall-Artikolu 17(1)(c) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481:**

Artikolu 2

L-isem, is-sede, il-post u l-lingwa operattiva

[…]

2. L-isem tal-EDIC imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jkun "Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi – ALT-EDIC", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ALT-EDIC".

3. L-ALT-EDIC għandu jkollu s-sede statutorja tiegħu f'Villers-Cotterêts, Franza.

2) **Li jikkorrispondu għall-Artikolu 17(1)(d) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481:**

Artikolu 27

Durata

L-ALT-EDIC għandu jeżisti għal perjodu ta' żmien indefinit.

Artikolu 28

Stralċ

1. L-istralċ tal-ALT-EDIC għandu jiġi deċiż mill-Assemblea tal-Membri f'konformità mal-Artikolu 10.

2. Mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-istralċ tal-ALT-EDIC, l-ALT-EDIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar id-deċiżjoni.

3. L-assi li jibqgħu wara l-ħlas tad-djun tal-ALT-EDIC għandhom jitqassmu fost il-membri b'mod proporzjonat mal-kontribut annwali akkumulat tagħhom għall-ALT-EDIC, kif speċifikat fl-Artikolu 9, jew jiġu trasferiti lil entità ġuridika oħra, jekk din l-entità tkompli l-attivitajiet tal-EDIC.

4. Mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem minn meta tingħalaq il-proċedura tal-istralċ, l-ALT-EDIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan.

5. L-ALT-EDIC ma għandux jibqa' jeżisti mill-jum li fih il-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-avviż xieraq f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3) **Li jikkorrispondu għall-Artikolu 17(1)(e) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481:**

Artikolu 19

Responsabbiltà u assigurazzjoni

1. L-ALT-EDIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu.

2. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-membri għad-djun tal-ALT-EDIC għandha tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet rispettivi pprovduti lill-EDIC, kif speċifikat fl-Anness III.

3. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex tkun responsabbli għad-djun tal-ALT-EDIC.

4. L-ALT-EDIC għandu jkollu assigurazzjoni xierqa li tkopri r-riskji relatati mal-attivitajiet tiegħu.

4) **Li jikkorrispondu għall-Artikolu 17(1)(i) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2481:**

Artikolu 18

Eżenzjonijiet mit-taxxa u mid-dazju tas-sisa

1. L-eżenzjonijiet mill-VAT ibbażati fuq l-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, għandhom ikunu limitati għal xiri mill-ALT-EDIC u mill-membri tal-ALT-EDIC li huma għall-użu uffiċjali u esklussiv mill-ALT-EDIC dment li tali xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-ALT-EDIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu.

2. L-eżenzjonijiet mill-VAT għandhom ikunu limitati għal xiri li jaqbeż il-valur ta' EUR 300.

3. L-eżenzjonijiet mid-Dazju tas-Sisa abbażi tal-Artikolu 11(1), il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262, għandhom ikunu limitati għax-xiri mill-ALT-EDIC għall-użu uffiċjali u esklussiv mill-ALT-EDIC, dment li (i) tali xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-ALT-EDIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu u li (ii) x-xiri jaqbeż il-valur ta' EUR 300.

4. Il-proċedura fil-livell nazzjonali meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-ALT EDIC bħala organizzazzjoni internazzjonali se titnieda dakinhar li jitwaqqaf l-ALT-EDIC.